# Estiża l-iskema li tippromwovi x-xiri ta’ vetturi elettriċi




L-iskema li tippromwovi x-xiri ta’ vetturi elettriċi se terġa’ tiġi estiża għat-tieni darba. Dan bil-għan li jippromwovi l-użu ta’ vetturi elettriċi għal individwi, Kunsilli Lokali, NGOs u kumpaniji privati.

Transport Malta b'kolaborazzjoni mal-Ministeru għat-Trasport, se jkunu qed jestendu din l-iskema li hi favur l-ambjent b'€150,000, b'total ta' €450,000.

Din l-iskema qed tippromwovi l-użu ta' dawn it-tip ta' vetturi sabiex jitnaqqsu l-emmissjonijiet iġġenerati minn vetturi normali fit-toroq Maltin biex b'hekk titjieb il-kwalita' tal-arja.

Bejn Jannar u Ottubru tal-2016, l-applikazzjoni għal din il-grant ġew akkomodati tant li 54 vettura tal-elettriku ġew irreġistrati fit-toroq Maltin.

Għal din il-grant jistgħu japplikaw kull individwu li għandu vettura tas-sewqan privata, NGOs li huma rreġistrati, kumpaniji privati u kif ukoll Kunsilli Lokali fuq numru ta' kundizzjonijiet.

Wieħed jista' japplika billi jiġbor applikazzjoni minn: Vehicle Licensing Unit fi Transport Malta, A3 Towers, Raħal Ġdid jew mis-sit http://www.transport.gov.mt/land-transport

Lokali

ONE NEWS

November 10, 2017, 12:09 pm     0 Comments